# GWIDA GĦALL-APPLIKAZZJONI TAL-ASSI LEADER TAL-PROGRAMMI TA' ŻVILUPP RURALI 2007-2013 IFFINANZJATI MILL-FAEŻR

## - Verżjoni riveduta kif ġiet ippreżentata lill-Kumitat għall-Iżvilupp Rurali fit-8 ta' Marzu 2011; iffinalizzata fil-25 ta' Marzu 2011) -

**Rimarka tal-bidu fir-rigward tar-reviżjoni ta' din il-Gwida fl-2010/2011[1]**

Il-verżjoni oriġinali ta' din il-Gwida nkitbet fl-2006/2007 fid-dawl tal-approvazzjoni tal-Programmi ta' Żvilupp Rurali (RDP). L-aġġornament ta' dan id-dokument huwa dovut għar-riżultati tal-analiżi tal-implimentazzjoni tal-Assi Leader li kienet prinċipalment xprunata minn ħidmet il-Gruppi Speċifiċi tas-Sottokumitat Leader tan-Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (ENRD) u mir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "L-implimentazzjoni tal-approċċ Leader għall-iżvilupp rurali" (ippubblikat f'Novembru 2010).
L-aġġornament ikopri prinċipalment kwistjonijiet li ma kienx possibbli li jiġu previsti fl-ewwel verżjoni minħabba n-novità tal-"integrazzjoni" tal-approċċ Leader. Huwa għandu jiġi mifhum bħala għodda għat-titjib tal-implimentazzjoni tal-approċċ Leader fil-perjodu attwali, sabiex tkun ipprepara t-tranżizzjoni mingħajr problemi għall-perjodu li jmiss.
Skont il-proposti fl-evalwazzjonijiet ta' nofs il-perjodu tal-RDP, xorta jistgħu jsiru l-aġġustamenti rilevanti sabiex tittejjeb l-implimentazzjoni tal-assi Leader f'kull RDP individwali.
L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni fuq il-livell tal-gruppi ta' azzjoni lokali (LAG) għandha tiġi ffaċilita wkoll jekk ikunu previsti emendi għall-istrateġiji ta' żvilupp lokali waqt il-fażi tal-implimentazzjoni.

**L-għanijiet u l-istruttura tal-gwida**

L-iskop prinċipali ta' din il-gwida huwa li l-awtoritajiet fl-Istati Membri jiġu mgħejjuna jfasslu l-Assi Leader tal-programmi ta' Żvilupp Rurali tagħhom ("Assi 4" indikat taħt l-Artikoli 61 sa 65 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005), ħalli jibdew jippreparaw għall-għażla taż-żoni u tal-gruppi u sabiex jiżguraw irwieħhom minn ġestjoni finanzjarja soda fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji ta' żvilupp lokali. F'dan id-dokument, il-Kummissjoni tipprovdi lista ta' kontroll qasira b'mistoqsijiet u xi eżempji utli li l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw sabiex jiksbu l-valur miżjud potenzjali tal-approċċ Leader.

[1] Għal raġunijiet ta' viżibbiltà tat-test il-qadim u tat-test il-ġdid, it-test il-ġdid jibqa' enfasizzat.

Il-miżura ta' "kooperazzjoni" taħt l-Assi Leader mhijiex koperta mil-linji gwida preżenti u hija s-suġġett ta' linji gwida speċifiċi (Gwida għall-implimentazzjoni tal-Miżura ta' "Kooperazzjoni" taħt l-Assi Leader tal-Programmi ta' Żvilupp Rurali 2007-13), li l-iktar verżjonijiet reċenti tagħhom kienu ppreżentati lill-Kumitat għall-Iżvilupp Rurali fid-19 ta' Novembru 2008).

Din il-gwida ma toħloq l-ebda regola leġiżlattiva ġdida. F'kull każ, għandu jiġi nnotat li l-interpretazzjoni tal-liġi Komunitarja fl-aħħar mill-aħħar hija r-rwol tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

**Werrej**

| | |
|---|---|
| Kapitolu I. | Introduzzjoni |
| Kapitolu II. | Id-definizzjoni ta' strateġija għaż-żoni rurali li jużaw l-approċċ Leader |
| Kapitolu III. | It-tfassil tal-kontenut tal-Assi Leader fil-programm: L-ippjanar u r-riżorsi |
| Kapitolu IV | L-għażla tal-gruppi ta' azzjoni lokali |
| Kapitolu V | L-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' żvilupp lokali |

## Kapitolu I
## Introduzzjoni

**Għaliex Assi Leader fil-politika tal-iżvilupp rurali?**

Mill-1991 sal-2006, Leader I, Leader II u Leader+ inħolqu bħala laboratorju sabiex iħeġġu t-tfaċċar u l-ittestjar ta' approċċi ġodda għal żvilupp integrat u sostenibbli u biex jinfluwenzaw, jikkomplementaw u jsaħħu l-politika tal-iżvilupp rurali fil-Komunità.

L-inizjattiva Leader, wara li għaddiet minn dawn it-tliet perjodi ta' programmazzjoni, laħqet livell ta' maturità biex l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-gruppi ta' azzjoni lokali fiż-żoni rurali jkunu jistgħu jimplimentaw l-approċċ Leader b'mod iktar wiesa' fil-programmazzjoni tipika tal-iżvilupp rurali.

Din hija r-raġuni għaliex ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) għall-perjodu 2007-2013 jinkludi r-raba' "Assi", imsejjaħ l-Assi Leader[2].

Id-differenza kruċjali bejn l-Assi Leader u l-Assi l-oħra f'dan il-perjodu ta' progammazzjoni tal-FAEŻR mhijiex qiegħda daqstant fil-kontenut tal-azzjonijiet. Fil-fatt, kif se jingħad iktar 'il quddiem, huwa probabbli li bosta mill-azzjonijiet imwettqa fl-Assi Leader se jkunu simili għal dawk implimentati taħt l-Assi l-oħra.

Il-valur miżjud prinċipali tal-Assi Leader jinstab fil-*mod li bih dawn l-azzjonijiet jiġu implimentati u konnessi flimkien, kemm fil-komunitajiet rurali kif ukoll minnhom innifishom.*

[2] ĠU L 277, tal-21.10.2005,

**Is-seba' karatteristiċi prinċipali tal-Metodu Leader:**




Din il-figura tippreżenta għadd ta' suġġerimenti dwar kif għandu jiġi żgurat li ż-żoni rurali jieħdu tassew l-ikbar valur mill-Assi Leader fil-bqija ta' din il-gwida.

## Kapitolu II
## Id-definizzjoni ta' strateġija għaż-żoni rurali li jużaw l-approċċ Leader

Sabiex ikun iddefinit il-**kuntest** għall-Assi Leader, qed jiġi ssuġġerit li l-Istati Membri għandhom jindirizzaw l-mistoqsijiet prinċipali li ġejjin:

**X'inhi l-istrateġija nazzjonali globali għall-iżvilupp taż-żoni rurali u x'se jkun ir-rwol prinċipali tal-Assi Leader sabiex titwettaq din l-istrateġija?**

Peress li l-approċċ Leader ma għadux jikkorrispondi iktar għal inizjattiva Komunitarja, għandhom ikunu l-Istati Membri li jiddefinixxu r-rwol strateġiku tiegħu fil-politika tal-iżvilupp rurali billi jikkunsidraw il-linji gwida strateġiċi Komunitarji għall-iżvilupp rurali (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/144/KE tal-20 ta' Frar 2006 ppubblikata fil-ĠU L 55, 25.2.2006, p. 20).

F'dawn il-linji gwida strateġiċi, il-prijorità strateġika globali speċifika għall-Assi Leader hija li tinbena kapaċità lokali għall-impjiegi u għad-diversifikazzjoni:

*"Ir-riżorsi dedikati għall-assi Nru 4 (Leader) għandhom jikkontribwixxu għall-prijoritajiet tal-assi Nru 1 u Nru 2 u b'mod partikolari għall-assi Nru 3, iżda jkollhom ukoll rwol importanti fil-prijorità orizzontali ta' titjib fit-tmexxija u l-mobilizzazzjoni ta' potenzjal ta' żvilupp endoġenu ta' żoni rurali.*
*Is-sostenn taħt l-assi Nru 4 joffri, fil-kuntest tal-bini ta' strateġija ta' żvilupp lokali mmexxija mill-Komunità, li tkompli tibni fuq bżonnijiet u forzi lokali, il-possibbiltà li jiġu kombinati t-tliet objettivi - il-kompetittività, l-ambjent u l-kwalità tal-ħajja/diversifikazzjoni. L-approċċi integrati li jinvolvu bdiewa, ħaddiema fil-forestrija u atturi rurali oħra jistgħu jissalvagwardjaw u jtejbu l-wirt naturali u kulturali lokali, ikabbru l-kuxjenza ambjentali u jinvestu fi prodotti ta' speċjalità, fit-turiżmu u fir-riżorsi rinnovabbli tal-enerġija, u jippromwovuhom."*[3]

Li tiġi pprovduta viżjoni globali għall-Assi Leader huwa probabbilment wieħed mill-iktar passi importanti fit-tfassil ta' strateġija kredibbli. Madankollu, din hija wkoll waħda mill-fażijiet l-iktar kumplessi u politikament sensittivi. Din il-viżjoni hija maħsuba biex iġġib flimkien lill-partijiet interessati prinċipali li hemm wara l-programm – għaldaqstant, ikun ferm aħjar li dawn jiġu involuti mill-bidu fl-elaborazzjoni tal-programm.

Din il-viżjoni għandha tistabblixxi xi prinċipji ġenerali li jikkonċernaw ir-rwol li l-approċċ Leader jista' jkollu fiż-żoni rurali fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.

L-Assi Leader jista' jkollu mill-inqas tliet rwoli prinċipali differenti, jiġifieri: jistimola l-*iżvilupp lokali* endoġenu, iżid il-kapaċità organizzattiva tal-*governanza* tal-komunitajiet rurali u jkisser iċ-ċirku vizzjuż ta' tnaqqis li għadu preżenti f'bosta żoni rurali billi jinkoraġġixxi l-*innovazzjoni.* L-importanza mogħtija li dawn it-tliet aspetti minn kull Stat Membru taffettwa kemm l-istrateġija kif ukoll il-ġestjoni tal-Assi Leader.

---

[3] Il-punt 3.4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2006, 2006/144/KE.

**L-Assi Leader bħala għodda għal żvilupp lokali endoġenu**

Wieħed mill-vantaġġi prinċipli tal-approċċi minn isfel għal fuq huwa li huma kapaċi jimmobilizzaw iktar riżorsi lokali għall-proċess ta' żvilupp. Dan jiġri kemm għax l-atturi lokali jkollhom għarfien aħjar tal-opportunitajiet ta' riżorsi disponibbli kif ukoll għax ikollhom sens ikbar ta' sjieda u ta' impenn fir-rigward tal-proġetti.

L-esperjenza wriet li l-approċċ minn isfel għal fuq ma għandux jiġi kkunsidrat bħala wieħed li jikkompeti ma' jew li jopponi l-approċċi minn fuq għal isfel mill-awtoritajiet nazzjonali u/jew reġjonali, imma minflok bħala wieħed li jikkombina u jinteraġixxi magħhom, sabiex jinkisbu riżultati globali aħjar.

**L-Assi Leader bħala għodda ta' governanza sabiex tinbena l-kapaċità organizzattiva tal-komunità rurali**

Il-gruppi ta' azzjoni lokali Leader kellhom rwol prinċipali sabiex iġibu flimkien lill-organizzazzjonijiet pubbliċi, privati u ċivili kollha li jaħdmu f'territorju partikolari u biex gradwalment joħolqu l-metodi u l-għarfien biex jaħdmu flimkien ħalli jintlaħqu miri komuni.

Il-Leader sawwar ukoll sens ta' identità lokali li jmur *lil hinn* mill-konfini dojoq ta' villaġġ. Il-konfini għal bosta servizzi ta' gvernijiet lokali sussegwentment ġew organizzati mill-ġdid sabiex jaqblu mat-territorji mibnija mis-sħubijiet Leader.

Għan wieħed tal-assi Leader huwa li tiżdied il-kapaċità organizzattiva tal-komunitajiet rurali (it-tisħiħ tal-kapaċità għall-ġestjoni lokali u għall-iżvilupp tal-proġetti). Dan għandu t-tendenza li jinvolvi firxa pjuttost wiesgħa ta' komunitajiet rurali (u b'hekk, ċerti pajjiżi se jkopru kważi ż-żoni rurali kollha bi sħubijiet Leader). Dan ifisser ukoll li jiġu żviluppati fiduċja, strutturi għal perjodu twil ta' żmien, esperjenza u għarfien espert, u b'hekk li jkun hemm impatt kbir fuq l-importanza mogħtija lill-miżura "akkwist ta' ħiliet" [traduzzjoni mhux uffiċjali] u lill-proċessi sabiex jingħażlu l-gruppi ta' azzjoni lokali.

**L-Assi Leader bħala għodda biex jingħata stimolu lill-innovazzjoni**

Il-Leader jista' jkollu rwol siewi sabiex jagħti stimolu lil approċċi ġodda u innovattivi għall-iżvilupp taż-żoni rurali. Innovazzjoni ta' din ix-xorta tiġi inkoraġġita billi l-LAG jitħallew ħafna libertà u flessibbiltà sabiex jieħdu deċiżjonijiet dwar l-azzjonijiet li jixtiequ jappoġġjaw. Dan għandu impatt kbir fuq it-tfassil tar-regoli tal-eliġibbiltà fil-programmi.
Il-possibbiltà li jkunu ffinanzjati proġetti sperimentali jew innovattivi tiddependi ferm fuq kemm l-RDP qed jagħmlu użu mill-possibbiltajiet tar-Regolament tal-Kunsill sabiex jiffinanzjaw proġetti li jaqgħu barra mill-menù standard tal-miżuri mill-Assi 1-3(l-Artikolu 64). Fil-prinċipju, il-proġetti kollha li jikkorrispondu għall-għanijiet tal-Assi 1, 2 u 3 fir-Regolament 1698/2005 huma eliġibbli għal finanzjament.

Ir-regoli tal-eliġibbiltà għall-innovazzjoni għandhom ikunu adattati sabiex jaqblu mal-ħtiġijiet eżistenti ħalli jiġu implimentati proġetti innovattivi. L-evalwazzjonijiet preċedenti tal-Inizjattiva Komunitarja Leader ġibdu l-attenzjoni għall-fatt li l-benefiċċji tal-Leader f'termini ta' innovazzjoni jistgħu jintilfu jekk ir-regoli tal-eliġibbiltà jkunu wisq dettaljati jew limitati. Tabilħaqq, kriterji ferm stretti jistgħu jfixklu l-innovazzjoni u jillimitaw l-iżvilupp tal-ideat (il-ġodda). L-innovazzjoni jeħtieġ li tinftiehem f'sens wiesa'. L-innovazzjoni mhux bilfors tiġi ddefinita f'termini ta' novitajiet ta' teknoloġija avvanzata. Hija titqies sempliċement bħala

mod kif jinstabu soluzzjonijiet ġodda għall-ħtiġijiet ta' żona. F'dan is-sens, kull żona – irrispettivament minn kemm ma tantx tkun żviluppata – tista' tibbenefika minn strateġija ta' innovazzjoni li tkun adattata għall-iktar problemi urġenti tagħha. L-innovazzjoni tista' tfisser l-introduzzjoni ta' prodott ġdid, ta' proċess ġdida, ta' organizzazzjoni ġdida jew ta' suq ġdid. Din id-definizzjoni komuni ta' innovazzjoni hija valida kemm għaż-żoni rurali kif ukoll għal dawk urbani.
Madankollu, minħabba d-densità baxxa u l-livell relattivament baxx ta' riżorsi umani u fiżiċi tagħhom, numru ta' żoni rurali għandhom rabtiet iktar dgħajfa maċ-ċentri ta' riċerka u żvilupp u jistgħu jsibuha diffiċli biex jipproduċu innovazzjonijiet radikali, għalkemm dan għandu jkun possibbli.

L-innovazzjoni fiż-żoni rurali tista' tinvolvi t-trasferiment u l-adattament ta' innovazzjonijiet żviluppati banda oħra, il-modernizzazzjoni ta' forom tradizzjonali ta' għarfien, jew is-sejba ta' soluzzjonijiet ġodda għal problemi rurali persistenti li interventi oħrajn ta' politika ma kinux kapaċi jsolvu b'mod sodisfaċenti u sostenibbli. Dan jista' jipprovdi tweġibiet ġodda għall-problemi speċifiċi taż-żoni rurali anki fuq livell lokali. Il-kriterji ta' għażla għall-proġetti ta' innovazzjoni għandhom ukoll jiġu deċiżi fuq il-livell xieraq. Minħabba n-natura speċifika tal-approċċ Leader, mhuwiex probabbli li kwalunkwe potenzjal għal innovazzjoni se jitkejjel mill-awtoritajiet pubbliċi waħidhom. Tabilħaqq, il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà u tal-għażla ddefiniti fl-RDP jistgħu jkunu ta' ostaklu sabiex jingħata appoġġ lil tipi ġodda ta' proġetti. Ikun iktar rilevanti jekk ikunu l-LAG li jiffissaw il-kriterji fil-kuntest tal-istrateġija lokali tagħhom u tal-kundizzjonijiet taż-żona/tal-iżvilupp. Billi l-LAG jintalbu jipprovdu sistema adegwata ta' kriterji ta' għażla u sistema effiċjenti għad-dokumentazzjoni tad-deċiżjonijiet tagħhom, il-kwistjoni tal-eliġibbiltà tal-proġetti innovattivi tista' tiġi solvuta billi jiġi applikat il-prinċipju tal-"kapaċità ta' difiża". F'kull każ, għandhom ikunu l-LAG biss li jivvalutaw jekk proġett jissodisfax il-kriterji f'termini tal-istrateġija lokali tiegħu, u b'hekk iżid valur maż-żona tiegħu.

## Funzjonijiet potenzjali oħrajn tal-Assi Leader

Meta jippreparaw il-pjanijiet ta' strateġija nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri jridu jiżguraw irwieħhom mill-konsistenza skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006. Barra minn hekk, kif ġie ddikjarat fil-linji gwida strateġiċi Komunitarji: "l-Istati membri għandhom jiżguraw li sinerġiji bejn u fi ħdan l-assi ikunu massimizzati u li jiġu evitati l-kontradizzjonijiet potenzjali. Fejn xieraq, huma jistgħu jiżviluppaw approċċi integrati."[4]

L-approċċ Leader huwa għodda sabiex jiġu implimentati skemi integrati li jikkombinaw numru ta' setturi ekonomiċi sabiex ikun żviluppat approċċ globali fl-iżvilupp rurali, billi tiġi organizzata koalizzjoni ta' atturi rurali u jiġu kkoordinati diversi miżuri ta' appoġġ sabiex jinħolqu sinerġiji bejn l-Assi 1, 2 u 3 (eż. sabiex ikunu promossi prodotti tal-ikel ta' kwalità b'konnessjoni mal-iżvilupp tat-turiżmu). L-approċċ orizzontali Leader jagħmilha wkoll possibbli li jiġu kkombinati għanijiet immirati lejn id-diversifikazzjoni, l-ambjent u l-kwalità tal-ħajja.

Il-Leader huwa għodda li tippermetti l-iżvilupp ta' approċċ ibbażat fuq iż-żona fuq il-livell mikroreġjonali, biex b'hekk titqies id-diversità taż-żoni rurali. Il-vantaġġ reali tal-approċċ Leader qiegħed fil-ħila ikbar li għandu li jinkludi l-kumplessità tas-sistema territorjali, jiġifieri

[4] Il-punt 3.5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill [tal]- 20 ta' Frar 2006, 2006/144/KE.

b'relazzjoni għall-infrastrutturi rurali, għall-miri komuni, għall-wirt lokali, għall-kapaċità organizzattiva, għat-trasferiment tal-għarfien, għat-titjib kulturali, eċċ.

L-approċċ Leader huwa wkoll għodda sabiex ikunu solvuti l-kunflitti lokali bejn interessi diverġenti fl-iżvilupp rurali (eż. l-iżvilupp turistiku f'żoni protetti mil-lat ambjentali, il-kompetittività bejn l-azjendi agrikoli jew fil-foresterija li hija kompatibbli mal-protezzjoni tan-natura u tal-ilma).

## Kapitolu III
## It-tfassil tal-kontenut tal-Assi Leader fil-programm: L-ippjanar u r-riżorsi

B'mod parallel għall-proċess li jinstab x'*jeħtieġ* li jsir, kif ġie deskritt fil-kapitolu preċedenti, l-Istati Membri jridu jiddeċiedu x'*jista'* jsir bir-riżorsi disponibbli. Dan jinvolvi li jingħataw tweġibiet għal numru ta' mistoqsijiet li qed jiġu ppreżentati iktar 'l isfel.

**Taħt liema Assi tematiku għandu jiġi implimentat l-Assi Leader?**

L-Assi Leader huwa Assi orizzontali u metodoloġiku, li jrid jiġi implimentat f'wieħed jew iktar mit-tliet assi tematiċi. F'termini ta' kontenut, għalhekk se jkollhom isiru għażliet dwar fejn il-metodu Leader jista' jiġi applikat l-aħjar.

Approċċ prammatiku wieħed ikun li titqies l-esperjenza ta' suċċess preċedenti bl-istrateġiji ta' żvilupp lokali Leader, fejn jintuża l-ambitu ta' intervent u r-riżultati tal-evalwazzjoni tagħhom.
Għandu dejjem ikun possibbli li sussegwentement tiġi modifikata t-tabella finanzjarja indikattiva tal-programm li tindika s-sehem tal-finanzjament tal-assi Leader bejn it-tliet assi (ara silta mit-tabella ta' iktar 'l isfel annessa mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)). Il-kriterji ta' distribuzzjoni tal-istrateġiji ta' żvilupp lokali b'relazzjoni għat-tliet assi (4.1) japplikaw ukoll għall-kooperazzjoni (4.21) u għall-ispejjeż operattivi, għall-akkwist tal-ħiliet u għall-animazzjoni tat-territorju. (4.31)

| |
|---|
| 4.1 L-istrateġiji ta' żvilupp lokali: |
| • 411.Il-kompetittività |
| • 412. Il-ġestjoni tal-ambjent/art |
| • 413.Il-kwalità tal-ħajja/id-diversifikazzjoni |
| 4.21 Il-kooperazzjoni: |
| 4.31 L-ispejjeż operattivi, l-akkwist ta' ħiliet, l-animazzjoni [traduzzjoni mhux uffiċjali] |

L-istudju ta' evalwazzjoni "Il-metodi għal u s-suċċess tal-integrazzjoni tal-innovazzjonijiet u tal-approċċ Leader fil-programmi ta' żvilupp rurali (*Methods for and success of mainstreaming Leader innovations and approach into rural development programmes*)"[5],

[5] Rapport finali mill-ÖIR – Managementdienste GmbH
Vjenna, id-19 ta' April 2004

ikkummissjonat mid-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali, iddefinixxa l-kunċetti ta' "integrazzjoni strateġika vertikali/minn fuq għal isfel (*strategic vertical/top down mainstreaming*)" u ta' "integrazzjoni meta tintalab (*mainstreaming on demand*)".
Il-proċess attwali huwa "integrazzjoni strateġika vertikali/minn fuq għal isfel" għaliex beda mil-livell Komunitarja qabel ma ġie tradott fi prijoritajiet nazzjonali fil-pjanijiet ta' strateġija nazzjonali. Imbagħad kien implimentat fuq il-livell lokali. "Integrazzjoni meta tintalab" tfisser li l-integrazzjoni tista' tiġi introdotta anki minn isfel għal fuq, permezz ta' stqarrijiet/dikjarazzjonijiet politiċi min-naħa ta' partijiet interessati lokali u reġjonali, li jwasslu t-talbiet tan-nies tal-lokali u tal-istituzzjonijiet lokali (eż. il-muniċipalitajiet): l-integrazzjoni meta tintalab sseħħ wara l-esperjenzi inizjali ta' suċċess b'approċċi simili għal-Leader, li fil-fehma tal-partijiet interessati lokali għandhom jiġu intensifikati.
Approċċ ġenwinament minn isfel għal fuq li ntuża minn ċerti Stati Membri sabiex jippreparaw il-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss tagħhom huwa li japplikaw il-mudell ta' "integrazzjoni meta tintalab"; dan ifisser li t-tliet Assi jitħallew japplikaw il-metodu Leader u l-LAG jitħallew jiddefinixxu l-ambitu tal-istrateġiji ta' żvilupp lokali tagħhom.
Approċċ iktar minn fuq għal isfel ikun ifisser l-esklużjoni ta' assi wieħed jew ta' żewġ assi mill-programm.

## L-innovazzjoni għandha tiġi inkluża fil-programm?

L-innovazzjoni mhijiex mandatorja fuq il-livell tal-LAG, imma trid tiġi inkluża fil-programm bħala għan operattiv tal-Assi; l-"implimentazzjoni ta' approċċi innovattivi" [traduzzjoni mhux uffiċjali] hija element tal-approċċ Leader kif ġie ddefinit fl-Artikolu 61 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

L-innovazzjoni għandha tkun inkluża bħala tema strateġika (ara l-*Fiche* 3 dwar L-innovazzjoni fl-istrateġiji ta' żvilupp rurali anness mal-Mudell ta' Gwida "L-istabbiliment tal-Pjan ta' Strateġija Nazzjonali (*Establishing the National Strategy Plan*)"), possibbilment integrata *ex-ante* fl-"istrateġiji ta' żvilupp lokali integrati" [traduzzjoni mhux uffiċjali] jew għandha tingħata prijorità fl-għażla tal-istrateġija ta' żvilupp lokali. (ara l-Kapitolu II: L-Assi Leader bħala għodda biex jingħata stimolu lill-innovazzjoni)

## Kemm-il żona huwa probabbli li jipparteċipaw fl-Assi Leader?

Il-programm irid jipprovdi, fost l-oħrajn, "in-numru indikattiv tal-LAG u l-perċentwali ppjanata tat-territorji rurali koperti minn strateġiji ta' żvilupp lokali" [traduzzjoni mhux uffiċjali][6].

Skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006, l-Istati Membri jew ir-reġjuni jistgħu jagħżlu li jkopru jew it-territorju kollu tagħhom jew parti minnu billi jadattaw skont dan il-kriterji għall-għażla tal-gruppi ta' azzjoni lokali u taż-żoni li jirrappreżentaw.

Jekk l-għan tal-Istat Membru huwa li jkopri biss parti mit-territorju rurali tiegħu, dan iwassal għal kompetizzjoni iktar b'saħħitha bejn il-LAG, peress li kwalunkwe sħubija rurali lokali jrid ikollha l-possibbiltà li tressaq strateġija ta' żvilupp lokali. Il-kriterji tal-għażla jistgħu jinkludu kriterji soċjoekonomiċi sabiex tingħata preferenza lil żoni żvantaġġjati jew tingħata prijorità

[6] Il-punt 5.3.4.1. tal-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1974/2006.

kbira lill-kriterji kwalitattivi relatati mal-istrateġija u mal-organizzazzjoni tal-grupp ta' azzjoni lokali (ara l-Artikolu 37(1) tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006).

F'każijiet fejn l-approċċ Leader mistenni jiġi implimenat fit-territorju kollu tal-programm, l-għażla se ssir prinċipalment fuq il-bażi ta' kriterji amministrattivi/ta' eliġibbbiltà (l-Artikolu 62 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005). Fir-rigward tal-kriterji tal-għażla, ara wkoll l-Artikolu 37(4) tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006.

Kif ingħad iktar 'il fuq, jekk wieħed mill-għanijiet strateġiċi prinċipali tal-Assi Leader huwa li jtejjeb il-governanza tal-politika rurali, l-implimentazzjoni tiegħu se tinvolvi kopertura usa' tal-komunitajiet rurali milli fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti. Mod wieħed possibbli għall-kejl tat-titjib fil-governanza lokali jista' jkun li l-Istati Membri jindikaw fil-programm tagħhom iż-żieda fil-kopertura ġeografika u tal-popolazzjoni u fin-numru mistenni ta' gruppi ta' azzjoni lokali magħżula meta pparagunati mal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti.

**Il-komunitajiet rurali kif se jiġu ppreparati biex jimplimentaw l-istrateġiji ta' żvilupp lokali?**

Anki fejn diġà hemm xi esperjenza lokali tal-Leader, xorta huwa importanti li jiġi żgurat li l-grupp ta' azzjoni lokali jkun ippreparat b'mod xieraq għar-rwol tiegħu.

Wieħed mill-ewwel kompiti tan-netwerk rurali nazzjonali ffinanzjat taħt l-assistenza teknika[7] se jkun li jipprepara programmi ta' taħriġ għall-gruppi ta' azzjoni lokali li għadhom qed jiġu fformati[8]. Huwa rakkomandat li n-netwerks rurali nazzjonali għandhom ikunu ġew stabbiliti ftit wara l-adozzjoni tal-programmi, għalkemm l-iskadenza għal dan hija l-31 ta' Diċembru 2008 skont l-Artikolu 41(4) tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006. Jekk in-netwerk ma jkunx ġie stabbilit sa tmiem l-2008, ikun aħjar jekk tintuża s-sottomiżura "akkwist ta' ħiliet" [traduzzjoni mhux uffiċjali] skont l-Artikolu 63 c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 mill-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni sabiex il-gruppi lokali jingħataw għajnuna ħalli jorganizzaw lilhom infushom u jippreparaw il-pjan ta' żvilupp lokali f'perjodu qasir ta' żmien (eż. minn sitt xhur sa sena). L-Artikolu 59 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 jiddefinixxi l-operazzjonijiet eliġibbli li ġejjin:

(1) Fuq il-livell nazzjonali permezz tal-korpi ta' taħriġ bħala benefiċjarji:

- it-taħriġ tal-persunal involut fil-preparazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' strateġija ta' żvilupp lokali;
- l-avvenimenti promozzjonali u t-taħriġ tal-mexxejja;

(2) Fuq il-livell lokali permezz tal-komunitajiet lokali, tal-aġenziji tal-iżvilupp lokali, tal-imsieħba lokali assoċjati permezz ta' ftehim jew ta' LAG diġà stabbiliti bħala benefiċjarji:

- studji taż-żona kkonċernata, inkluża l-analiżi ta' strateġija lokali potenzjali;

[7] Ara l-Artikolu 66(3) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.
[8] Ara l-Artikolu 68(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

- miżuri sabiex tkun ipprovduta informazzjoni dwar iż-żona u l-istrateġija ta' żvilupp lokali;

Fl-Istati Membri li stabbilew Unitajiet tan-Netwerk Nazzjonali Leader+, dawn l-istrutturi jistgħu jipprovdu assistenza teknika lil-LAG għall-preparazzjoni tal-istrateġiji ta' żvilupp lokali l-ġodda (eż. il-Pajjiżi l-Baxxi); dan jista' jsir qabel ma tkun ġiet stabblita l-unità tan-netwerk ta' żvilupp rurali l-ġdida.

Fuq il-livell tal-LAG, huwa importanti li jiġi żgurat li jkun hemm tranżizzjoni mingħajr problemi mill-fażi tal-bini tal-kapaċitajiet għall-fażi implimentattiva, u li jkun għad fadal biżżejjed żmien għal din tal-aħħar. Din hija r-raġuni għaliex, ġeneralment, is-sejħiet għall-proposti għall-għażla taż-żoni rurali biex ikunu implimentati l-istrateġiji ta' żvilupp lokali jridu jiġu organizzati fi żmien sentejn mill-approvazzjoni tal-programmi.[9]

Għandu jingħad li l-akkwist ta' ħiliet skont l-Artikolu 63c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 għandu jkun disponibbli anki waqt il-fażi implimentattiva tal-istrateġiji ta' żvilupp lokali għall-azzjonijiet ta' taħriġ dwar kwistjonijiet bħall-ġestjoni, l-awtoevalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-LAG, eċċ. Huwa rakkomandat li l-iskambju tal-esperjenzi bejn il-LAG dwar l-istrateġiji ta' żvilupp lokali rispettivi – li mhumiex eliġibbli taħt il-kooperazzjoni fejn ikun hemm rekwiżit li jrid ikun hemm azzjoni konġunta – għandhom ikunu eliġibbli taħt l-akkwist tal-ħiliet.

Fi ftit kliem, l-Istati Membri għandhom jispjegaw lil-LAG eżistenti u potenzjali kif qed jippjanaw li jgħinu liż-żoni fil-preparazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' żvilupp tagħhom (netwerk nazzjonali, seminars permezz ta' korpi oħrajn ta' taħriġ permezz tal-akkwist tal-ħiliet, bini tal-kapaċitajiet lokali, preparazzjoni tad-dokumentazzjoni finanzjarja u amministrattiva meħtieġa …)

**Kemm se ddum l-implimentazzjoni tal-istrateġiji ta' żvilupp lokali?**

It-tul ta' żmien li jibqa' għall-implimentazzjoni tal-istrateġiji ta' żvilupp lokali jiddependi prinċipalment mill-iskeda ta' żmien tal-proċedura tal-għażla tal-LAG. Il-programmi nazzjonali jew reġjonali jridu jindikaw l-iskeda ta' żmien għall-għażla tal-gruppi ta' azzjoni lokali.
Skont l-Artikolu 37(2) tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006, is-sejħiet għall-proposti għall-għażla taż-żoni rurali għall-implimentazzjoni tal-istrateġiji ta' żvilupp lokali għandhom jiġu organizzati mhux iktar tard minn sentejn wara l-approvazzjoni tal-programmi. Madankollu, l-Istati Membri jew ir-reġjuni jistgħu jorganizzaw sejħiet addizzjonali għal proposti, speċjalment fejn il-Leader ikun miftuħ għal żoni ġodda, f'liema każ jistgħu jkunu meħtieġa limiti ta' żmien itwal.

Għaldaqstant, huwa possibbli li tiġi organizzata sejħa waħda jew li jkun hemm żewġ mewġiet ta' proġetti fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni. Madankollu, wieħed għandu dejjem iżomm quddiem għajnejh li l-iżvilupp lokali u l-bini tal-kapaċitajiet huma proċessi li jieħdu fit-tul. L-esperjenza turi li l-implimentazzjoni effettiva tal-istrateġiji lokali f'sitwazzjonijiet reali ġeneralment ma tibdiex qabel ir-raba' sena tal-perjodu ta' programmazzjoni.

**Liema tipi ta' proġetti jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-istrateġiji ta' żvilupp lokali?**

[9] Ara l-Artikolu 37(2) tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006.

Ir-regoli ta' eliġibbiltà dettaljati, minimi u ġenerali (il-kundizzjonijiet ffissati fuq il-livell Komunitarju u fuq il-livell tal-programm skont l-Artikolu 71(3) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005) jridu jiġu rispettati.
"Il-kriterji ta' għotja" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (il-kriterji tal-għażla skont l-Artikolu 78 a) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, iffissati fuq il-livell tal-programm wara li jiġi kkonsultat il-Kumitat ta' Monitoraġġ, iridu jiġu applikati wkoll.
Barra minn hekk, il-gruppi ta' azzjoni lokali qed jiddefinixxu l-kriterji tal-għażla tal-proġetti "kriterji ta' għażla lokali" [traduzzjoni mhux uffiċjali] b'relazzjoni għall-prijoritajiet speċifiċi tal-istrateġiji ta' żvilupp lokali tagħhom. Huwa rakkomandat li dawn il-kriterji ta' għażla lokali jiġu inklużi fl-istrateġiji ta' żvilupp lokali; f'dan il-mudell il-kriterji speċifiċi ta' għażla lokali jistgħu jiġu approvati taħt il-proċedura ta' għażla għall-gruppi ta' azzjoni lokali.

Skont l-Artikolu 63 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 il-LAG jistgħu jwettqu azzjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta' miżura tal-FAEŻR jew li jaqgħu barra mill-ambitu ta' miżura f'kull Assi magħżul bħala li huwa applikabbli għall-approċċ Leader taħt il-programm.

Dan ifisser li kwalunkwe operazzjoni fl-ambitu ta' dan l-Assi magħżul (il-kompetittività tas-settur agrikolu u tal-foresterija, it-titjib tal-ambjent jew id-diversifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja) hija eliġibbli.

Taħt ir-responsabbiltà tagħhom, l-Istati Membri jridu jiżguraw irwieħhom minn koerenza u konsistenza ma' fondi Komunitarji oħrajn. L-istrateġiji ta' żvilupp lokali jistgħu wkoll ikollhom fil-mira għanijiet ta' fondi Ewropej oħrajn (pereżempju, il-FEŻR, il-FSE u l-FES). Fir-rigward tal-Assi 4 (Leader) mhuwiex possibbli li jiġu stabbiliti linji ċari ta' demarkazzjoni fl-RDP bl-istess mod li jrid isir għall-miżuri tal-Assi 1-3, peress li dan jimmina n-natura integrata u multisettorjali tal-approċċ Leader.
Il-fatt li proġett li jiġi propost għal finanzjament mil-Leader taħt il-FAEŻR jista' jiġi ffinanzjat minn wieħed mill-Fondi Strutturali ma jeskludix l-eliġibbiltà tiegħu taħt il-FAEŻR.
Huma l-istrateġiji ta' żvilupp lokali li għandhom jispjegaw liema tipi ta' azzjonijiet jikkorrispondu għall-għanijiet tal-fondi Ewropej differenti u għalhekk li jiċċaraw ukoll liema tipi ta' azzjonijiet għandhom jiġu ffinanzjati mil-Leader permezz tal-FAEŻR. Jekk proġett jikkorrispondi għall-għanijiet tal-FAEŻR u jekk ikun koerenti mal-istrateġija ta' żvilupp lokali, l-Awtorità ta' Ġestjoni ma tistax teskludi l-għażla ta' LAG li jressaq proġett għal finanzjament mil-Leader taħt il-FAEŻR.

Il-proġetti kumplessi li jmorru lil hinn mill-għanijiet tal-FAEŻR jistgħu jinqasmu f'diversi operazzjonijiet sabiex ikunu ffinanzjati minn fondi differenti fl-istess ħin.

F'kull każ, l-Awtorità ta' Ġestjoni trid tiżgura ruħha li ma jkun hemm l-ebda finanzjament doppju tal-operazzjoni.

*(1) L-operazzjonijiet eliġibbli fil-miżuri ddefiniti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005*

Fil-prinċipju, kwalunkwe miżura territorjali u diversi miżuri relatati ma' settur jistgħu jiġu implimentati permezz tal-approċċ Leader (ara l-konklużjonijiet tal-istudju tad-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali "Il-metodi għal u s-suċċess tal-integrazzjoni tal-innovazzjonijiet u tal-approċċ Leader fil-programmi ta' żvilupp rurali"[3] taħt il-punt 5.2.3.2): "biżżejjed eżempji

wrew li firxa wiesgħa ta' miżuri agrikoli, minbarra dawk eliġibbli taħt l-Artikolu 33 (diversifikazzjoni) u l-Artikolu 9 (taħriġ) tar-Regolament Nru 1257/99, jistgħu jiġu integrati fi programmi tat-tip tal-Leader, bħall-investimenti f'azjendi agrikoli, il-bidu ta' negozju minn bdiewa żgħażagħ, il-kummerċjalizzazzjoni u l-ipproċessar, il-miżuri agroambjentali, u l-foresterija lil hinn mill-punt sa fejn dan diġà qed isir fil-programmi operattivi reġjonali. Hemm biżżejjed eżempji fi ES, FI, FR, IT u UK li juru li l-integrazzjoni qawwija tal-karatteristiċi tal-Leader tinkludi miżuri biex jiġu żviluppati n-negozji tal-azjendi agrikoli u sabiex tkun ippreservata d-diversità tal-pajsaġġi kulturali. L-inklużjoni ta' miżuri mmirati lejn l-azjendi agrikoli tista' tipproduċi benefiċċji materjali u immaterjali għall-produtturi, għall-amministraturi tal-artijiet, għas-soċjetà rurali u għas-soċjetà kollha […]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

Il-miżuri jistgħu jiġu implimentati esklużivament permezz tal-Assi Leader jew minbarra s-sistema ta' konsenja normali minn fuq għal isfel (l-għażla tal-proġetti mill-Awtorità ta' Ġestjoni).

Jekk proġett jaqa' fl-ambitu ta' applikazzjoni ta' miżura partikolari, japplikaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u ta' għażla tagħha (l-Artikolu 64 tar-Regolament Nru 1698/2005). Il-kundizzjonijiet li japplikaw għall-miżura huma ddefiniti fuq il-livell tal-UE (mir-Regolament tal-Kunsill Nru 1698/2005 u/jew mir-Regolament Nru 1974/2006) u fuq il-livell tal-programm (ir-regoli tal-eliġibbiltà huma ddefiniti skont l-Artikolu 71(3) tar-Regolament Nru 1698/2005). Japplikaw ukoll il-kundizzjonijiet orizzontali li mhumiex speċifiċi għal miżura (eż. ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, il-kontributi f'oġġetti jew f'servizzi…).

Skont l-analiżi tal-gruppi speċifiċi Leader stabbiliti fl-2010 taħt in-Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, l-Istati Membri għandhom jirrivedu l-miżuri eżistenti fl-RDP sabiex jivvalutaw jekk ir-regoli tal-eliġibbiltà jirrestrinġux il-ħila tal-LAG li jfasslu u jimplimentaw strateġiji innovattivi, multisettorjali u lokali sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Assi 1-3 tal-politika tal-iżvilupp rurali. Il-proġetti li huma tipiċi għall-approċċ Leader għandhom ikunu eliġibbli; huma jistgħu jinkludu proġetti innovattivi, proġetti territorjali, proġetti fuq skala żgħira jew proġetti b'imsieħba multipli. Barra minn hekk, il-**kombinazzjoni ta' diversi miżuri** (anki bejn l-assi) għandha tippermetti li jingħata appoġġ lil proġetti kumplessi li jikkunsidraw aħjar l-għanijiet trasversali tal-istrateġiji ta' żvilupp lokali.

*(2) L-operazzjonijiet eliġibbli barra mill-miżuri ddefiniti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005*

L-operazzjonijiet appoġġjati mhux bilfors jikkorrispondu għal waħda mill-miżuri ta' żvilupp rurali. Dan huwa importanti sabiex tinżamm il-funzjoni sperimentali/innovattiva tal-metodu Leader. Japplikaw il-kundizzjonijiet orizzontali ddefiniti fuq il-livell Komunitarju (eż. ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, il-kontribut f'oġġetti jew f'servizzi…) u fuq il-livell tal-programm li mhumiex speċifiċi għall-miżura. L-għanijiet tal-Assi rilevanti jridu jiġu rispettati.

Skont l-analiżi tal-gruppi speċifiċi Leader, l-Istati Membri għandhom jemendaw ir-regoli tagħhom kif ikun meħtieġ sabiex il-LAG jitħallew anki jiżviluppaw soluzzjonijiet lokali li ma jikkorrispondux totalment għall-miżuri tal-programmi ta' żvilupp rurali kif ġew iddefiniti fil-programmi, imma li jkunu adattati sabiex jagħtu kontribut għall-għanijiet tal-assi rilevanti. L-

elementi fl-RDP sabiex tkun żgurata implimentazzjoni effettiva tal-metodu jistgħu jinkludu dan li ġej:

- **il-ħolqien ta' sottomiżuri speċifiċi** (għall-miżuri 411-413) inklużi azzjonijiet, benefiċjarji u kundizzjonijiet finanzjarji eliġibbli, li jippermettu l-finanzjament ta' proġetti li ma jikkorrispondux għall-kriterji ta' eliġibbiltà tal-ebda miżura standard, imma li għandhom l-għan li jilħqu l-għanijiet ta' wieħed jew iktar mill-Assi 1-3;

- **possibbiltà li jiġu ffinanzjati proġetti bħala parti minn strateġija ta' żvilupp lokali, li mhija marbuta mal-ebda miżura speċifika fl-RDP**, bl-unika kundizzjoni li dan isir sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' wieħed jew iktar mit-tliet assi l-oħra (fit-tifsira tal-Artikolu 63 (a) u tal-Artikolu 4 tar-Regolament 1698/2005). L-azzjonijiet u l-benefiċjarji eliġibbli huma ddefiniti fl-istrateġija ta' żvilupp lokali. Il-kundizzjonijiet finanzjarji huma ddefiniti fuq il-livell tal-programm (eż. appoġġ lil proġetti fuq skala żgħira).

**Il-baġit għal kull grupp kif se jkopri l-ispejjeż operattivi tal-grupp kif ukoll l-akkwist ta' ħiliet u l-animazzjoni tat-territorju?**

Il-programm irid jipprovdi stima indikattiva tan-nefqa li se tintuża għall-ispejjeż operattivi, għall-akkwist tal-ħiliet u għall-animazzjoni għall-Assi Leader.[10] Il-perjodu eliġibbli għat-tliet tipi kollha ta' attivitajiet jista' jkun kemm il-perjodu meħtieġ sabiex tkun elaborata l-istrateġija kif ukoll il-perjodu ta' implimentazzjoni tagħha.

- *L-ispejjeż operattivi*

L-ispejjeż operattivi tal-gruppi ma jistgħux jaqbżu l-20 % tan-nefqa pubblika totali allokata lill-istrateġija lokali (l-Artikolu 38(1) tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006). L-ispejjeż operattivi jinkludu l-ispejjeż tal-persunal u tal-amministrazzjoni tal-LAG magħżul. Il-parteċipazzjoni tal-persunal tal-LAG u tal-membri tal-LAG fil-laqgħat tan-Netwerks Nazzjonali u Ewropej għandha wkoll tkun nefqa eliġibbli, peress li n-netwerking huwa wieħed mis-seba' prinċipji Leader.

Normalment, in-numru minimu ta' persunal mitlub għall-funzjonijiet bażiċi (ara l-Kapitolu V) huwa ta' tnejn – maniġer ikkwalifikat u assistent amministrattiv. Jistgħu jkunu meħtieġa riżorsi umani addizzjonali, jiddependi mill-ammont ta' kompiti amministrattivi addizzjonali ddelegati, miż-żona u/jew mill-popolazzjoni koperti jew mill-istrateġija baġitarja. Il-persunal irid ikun ikkwalifikat u/jew ikollu esperjenza fil-ġestjoni amministrattiva tal-proġetti lokali u anki f'ċerti mudelli ta' implimentazzjoni fil-ġestjoni finanzjarja.
Huwa rakkomandat li tiġi applikata sistema ta' ħlasijiet bil-quddiem għall-ispejjeż operattivi skont it-termini tal-Artikolu 38(2) tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006 sabiex il-LAG ikunu jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' likwidità tagħhom.

- *L-akkwist tal-ħiliet*

L-Artikolu 59, imsemmi fl-Artikolu 63 c) tar-Regolament tal-Kunsill 1698/2005, jindika l-attivitajiet eliġibbli għall-akkwist tal-ħiliet ("studji taż-żona kkonċernata", "taħriġ tal-persunal involut fil-preparazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' strateġija ta' żvilupp lokali" [traduzzjoni

[10] Il-punt 5.3.4.3. tal-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1974/2006.

mhux uffiċjali]). It-taħriġ tal-membri tal-LAG għandu wkoll jiġi kkunsidrat bħala nefqa eliġibbli taħt l-akkwist tal-ħiliet, peress li huma involuti fil-preparazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' żvilupp lokali.

- *L-animazzjoni.*

Il-parti l-kbira tal-gruppi ta' azzjoni lokali jikkunsidraw li l-parti u l-valur prinċipali ta' ħidmithom ġejjin mill-attivitajiet ta' animazzjoni.

L-Artikolu 59, imsemmi fl-Artikolu 63 c) tar-Regolament tal-Kunsill 1698/2005, jelenka l-attivitajiet ta' animazzjoni eliġibbli ("miżuri sabiex tkun ipprovduta informazzjoni dwar iż-żona u l-istrateġija ta' żvilupp lokali", "avvenimenti promozzjonali u taħriġ tal-mexxejja" [traduzzjoni mhux uffiċjali]). Dawn jinkludu kompiti ta' żvilupp tal-proġetti, bħall-għoti ta' appoġġ lill-benefiċjarji potenzjali sabiex jiżviluppaw proġetti u jippreparaw l-applikazzjonijiet, imma jġibu flimkien anki lil partijiet interessati differenti li jifformaw il-komunità tagħhom. Jekk ma jkollhomx dan ir-rwol, ikunu biss l-organizzazzjonijiet, il-kumpaniji u ż-żoni l-iktar b'saħħithom li jipparteċipaw fl-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' żvilupp lokali. Din il-parti importanti mill-funzjoni tagħhom tikkonsisti fi: jingħata inkoraġġiment lill-membri u liż-żoni iktar dgħajfa tal-komunità; jiġu pprovduti bl-assistenza teknika meħtieġa; jinsiltu ideat ġodda li kieku ma joħorġux, fejn tingħata għajnuna ħalli jiġu megħluba l-kunflitti li jeżistu f'kull komunità, tinħoloq kultura ta' ħidma flimkien għal miri komuni, u jissawru identità u immaġni b'saħħithom tat-territorju.

Il-LAG għandhom jużaw mezzi differenti sabiex jinformaw lill-komunità lokali dwar il-possibbiltajiet għal għotjiet għal proġetti: waqt laqgħat u avvenimenti pubbliċi, permezz ta' fuljetti u pubblikazzjonijiet, il-websajts tal-LAG u permezz tal-membri tal-LAG. B'dan il-mod, il-LAG mhux biss iwieġbu għad-domanda eżistenti għal għotjiet imma anki jinkoraġixxu potenzjalment lil atturi lokali oħrajn sabiex jikkunsidraw investimenti ġodda jew proġetti oħrajn.

L-animazzjoni titlob riżorsi u ħiliet komunikattivi addizzjonali li huma differenti minn dawk meħtieġa għall-funzjonijiet finanzjarji u amministrattivi msemmija iktar 'il fuq. Il-pajjiżi li użaw l-approċċi Leader sabiex itejbu l-kapaċità organizzattiva u l-iżvilupp lokali taż-żoni rurali tagħhom ġeneralment ikollhom tim ta' bejn erba' u ħames persuni lokalment. Dawn it-timijiet lokali għandu jkollhom kemm il-ħiliet ekonomiċi kif ukoll il-ħiliet tekniċi mitluba sabiex tkun ivvalutata u appoġġjata l-vijabbiltà tal-proġetti lokali.

**Il-kooperazzjoni għandha tkun inkluża fl-istrateġija ta' żvilupp lokali?**

Il-kooperazzjoni mhijiex mandatorja fuq il-livell tal-LAG, imma trid tkun disponibbli għal dawk il-LAG li huma lesti li jimplimentaw proġetti ta' kooperazzjoni. Il-miżura ta' Kooperazzjoni, bħall-miżuri Leader l-oħra, għandha tkun ipprogrammata.

Il-kooperazzjoni tista' tiġi integrata *ex-ante* fl-istrateġiji ta' żvilupp lokali, u fl-Istati Membri l-qodma trid tingħata prijorità fil-kriterji tal-għażla għall-istrateġija ta' żvilupp lokali.

Il-miżura ta' Kooperazzjoni tista' tiġi implimentata b'mod dirett permezz ta' proċeduri ta' għażla organizzati mill-awtorità kompetenti.

## Kapitolu IV
## L-għażla tal-gruppi ta' azzjoni lokali

### X'se jkunu l-kriterji u l-proċeduri tal-għażla li għandhom jiġu segwiti?

### Il-proċedura tal-għażla

L-għażla u l-istabbiliment tal-gruppi lokali u tat-territorji u tal-istrateġiji korrispondenti tagħhom probabbilment hija l-iktar fażi importanti tal-programm kollu. Għalhekk, huwa importanti li d-definizzjoni tal-kriterji tal-għażla ma titqiesx biss bħala sempliċi proċess amministrattiv, imma anki li għandha tikkorrispondi għall-għanijiet ta' politika strateġiċi assenjati lill-Assi Leader fil-programm.

Is-sejħiet għall-proposti għall-għażla taż-żoni rurali għall-implimentazzjoni tal-istrateġiji ta' żvilupp lokali jridu jiġu organizzati mhux iktar tard minn sentejn wara l-approvazzjoni tal-programmi. Madankollu, l-Istati Membri jew ir-reġjuni jistgħu jorganizzaw sejħiet għall-proposti addizzjonali, speċjalment fejn il-Leader ikun miftuħ għal żoni ġoda, f'liema każ jistgħu jkunu meħtieġa limiti itwal ta' żmien.

Ir-Regolament (KE) Nru 1974/2006 jiddikjara li l-programm għandu jispeċifika l-proċeduri, l-iskeda ta' żmien u l-kriterji oġġettivi sabiex jingħażlu l-istrateġiji ta' żvilupp lokali. Il-vantaġġ li diġà jkun hemm kriterji ta' għażla oġġettivi u preċiżi fil-programm huwa li s-sejħa għall-offerti tista' titnieda malajr kemm jista' jkun.

L-Istati Membri għandhom ċerta flessibbiltà fl-adozzjoni tal-mudelli ta' implimentazzjoni.

Il-proċeduri għall-għażla tal-gruppi ta' azzjoni lokali jridu jkunu miftuħa għaż-żoni rurali kollha u jridu jiżguraw il-kompetizzjoni bejn il-gruppi ta' azzjoni lokali li jippreżentaw strateġiji ta' żvilupp lokali.[11] Fi kliem ieħor, l-Istati Membri jridu mill-inqas juru li hemm stabbiliti proċeduri sabiex il-partijiet interessati jkunu informati dwar il-possibbiltà li japplikaw għall-Assi Leader, u li l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ikun ċar għalihom. Il-komunitajiet rurali għandhom jirċievu l-ikbar firxa possibbli ta' informazzjoni (pubblikazzjonijiet, websajts, eċċ.).

L-istess kriterji ta' għażla għandhom japplikaw għal-LAG kollha fil-programm sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali.

Il-proċeduri ta' għażla taħt programm nazzjonali jistgħu jinkludu fażi ta' għażla reġjonali sabiex tkun ivvalutata l-konsistenza tal-istrateġija ta' żvilupp lokali mal-istrateġija ta' żvilupp reġjonali taħt politiki jew strumenti oħrajn. Madankollu, l-istess kriterji ta' għażla għandhom japplikaw għal-LAG kollha. Din il-fażi reġjonali għandha tippreċedi fażi ta' għażla finali nazzjonali fejn kumitat tal-għażla nazzjonali jwettaq valutazzjoni komparattiva tal-applikazzjonijiet kollha.

[11] L-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006.

L-Awtorità ta' Ġestjoni tista' tipprevedi sejħa waħda ta' interess b'żewġ skadenzi għas-sottomissjoni: l-ewwel data għaż-żoni b'esperjenza tal-Leader li jkunu lesti sabiex jimplimentaw strateġiji ta' żvilupp lokali u data sussegwenti għaż-żoni fejn il-Leader+ għadu ma ġiex implimentat, sabiex mill-2008 jiġu mnedija l-istrateġiji lokali.

L-Awtorità ta' Ġestjoni tista' tipprevedi wkoll żewġ sejħiet għal proposti suċċessivi għal kull waħda minn dawn il-kategoriji.

F'żoni b'esperjenza tal-Leader fil-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006 (jew 2004-2006 għall-UE 10) jridu jiġu rispettati r-regoli tranżizzjonali: dawn il-LAG se jibdew jimplimentaw l-istrateġiji ta' żvilupp lokali l-ġodda tagħhom biss meta l-istrateġija preċedenti tkun diġà magħluqa f'termini tal-impenji legali mal-benefiċjarji. Każijiet speċjali ta' LAG preċedenti li jespandu t-territorju tagħhom jew l-ambitu tal-istrateġija lokali tagħhom jridu jiġu previsti wkoll; huma jistgħu jibdew jimplimentaw l-istrateġija l-ġdida fit-territorju l-ġdid filwaqt li jistennew it-tmiem tal-2008 (jew it-tmiem tal-impenji/*cut-off)* fit-territorju l-qadim. Jekk jiġi inkluż tip ġdid ta' operazzjoni (kategorija ġdida ta' riċevent tal-pagamenti eliġibbli jew żona ġdida ta' intervent) fl-Istrateġija ta' Żvilupp Lokali, l-implimentazzjoni tagħha tista' tibda b'mod parallel għall-istrateġija preċedenti. Jeħtieġ li jkun hemm sistema ta' kontabbiltà separata. Madankollu, fl-interessi ta' ġestjoni finanzjarja soda, huwa rakkomandat li LAG għandu jkun eżawrixxa l-allokazzjoni finanzjarja tal-istrateġija ta' żvilupp lokali preċedenti qabel ma jibda jimplimenta l-istrateġija l-ġdida.

F'żoni ġodda, huwa meħtieġ l-akkwist preċedenti ta' ħiliet (tul perjodu minn 6 xhur sa sena) qabel ma titressaq strateġija ta' żvilupp lokali.

Ladarba tkun saret l-għażla, il-prattika amministrattiva tajba adottata fuq l-inizjattiva ta' ċerti Stati Membri hija l-iffirmar ta' konvenzjoni/ftehim kuntrattwali dwar il-pjan ta' żvilupp lokali bejn l-entità legali stabbilita jew innominata mil-LAG u l-Aġenzija tal-Pagamenti u/jew l-Awtorità ta' Ġestjoni. L-arranġamenti amministrattivi li għandhom jiġu stabbiliti sabiex tiġi pprovduta l-istrateġija ta' żvilupp lokali miftiehma huma miġbura fil-qosor fi pjan ta' żvilupp lokali.

**Il-kriterji tal-għażla**

Nistgħu nagħmlu distinzjoni bejn tliet kategoriji ta' kriterji ta' għażla: dawn huma kriterji relatati mat-territorju (1), mas-sħubija (2) u mal-istrateġija (3). Għal kull wieħed minn dawn it-tliet elementi, jistgħu jintalbu elementi kwalitattivi flimkien ma' kriterji ta' eliġibbiltà (il-koerenza tat-territorju, il-kwalità tal-istrateġija, l-organizzazzjoni tal-grupp ta' azzjoni lokali) L-Artikolu 62 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 jiddefinixxi l-kriterji minimi ta' għażla. Għalhekk dawn jistgħu jiġu supplimentati bi kriterji nazzjonali speċifiċi. Dan ifisser li l-Istati Membri jistgħu jżidu iktar kriterji li speċifikatament jgħinuhom jagħżlu l-aħjar gruppi u -żoni għall-implimentazzjoni tal-miri tagħhhom għall-komunitajiet lokali.

- **(1) Il-kriterji relatati mat-territorju**

Iż-żona koperta mill-istrateġija għandha tkun koerenti u toffri biżżejjed massa kritika f'termini ta' riżorsi umani, finanzjarji u ekonomiċi sabiex tappoġġja strateġija ta' żvilupp vijabbli (l-Artikolu 62(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005).

*Il-koerenza tat-territorju*

Iż-żona trid tkun biżżejjed *koerenti* minn lat ġeografiku, ekonomiku u soċjali. L-approċċ territorjali adottat għall-Assi Leader fundamentalment ibiddel il-mod li bih iż-żoni lokali jiġu pperċepiti u ddefiniti. It-territorji qed isiru proġetti territorjali – jiġifieri organizzazzjonijiet attivi u ta' tagħlim li jaħdmu flimkien għal mira komuni. Dan l-approċċ ibiddel il-loġika sabiex ikunu ddefiniti l-konfini taż-żoni tal-LAG. Mhuwiex rakkomandat li wieħed jitlaq minn konfini amministrattivi fissi, jikkunsidra ħtiġijiethom u mbagħad ifittex lil xi ħadd (ġeneralment minn barra) sabiex isolvi l-problema. Iċ-ċiklu jrid jibda bl-atturi fit-territorju, bid-definizzjoni ta' ħtiġijiethom, bl-identifikazzjoni tal-potenzjal tagħhom u bl-istrateġija tagħhom għall-ġejjieni. Il-konfini preċiżi tat-territorju jiddependu fuq min irid jagħmel xiex ma' min.

*Il-kriterju tal-massa kritika: X'għandu jkun id-daqs tat-territorji?*

Ir-Regolament (KE) Nru 1974/2006 jiffissa l-limiti ta' isfel u ta' fuq għaż-żona tal-LAG f'termini flessibbli: "Il-popolazzjoni ta' kull żona, b'mod ġenerali, ma tridx tkun ta' inqas minn 5 000 u ta' iktar minn 150 000 abitant. Madankollu, f'każijiet debitament iġġustifikati, il-limiti ta' 5 000 u ta' 150 000 abitant jistgħu jitnaqqsu jew jitkabbru rispettivament" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[12]

Jekk l-Istati Membri jagħmlu użu minn din il-possibbiltà ta' deroga, trid tkun ippreżentata ġustifikazzjoni soda fil-programm. Bliet żgħar u żoni periurbaniċi jistgħu jiġu inklużi fit-territorju, imma għall-Assi 4, it-territorju ġeografiku fil-mira ma għandux imur lil hinn mid-delimitazzjoni taż-żona rurali mogħtija fil-programm. Skont l-Artikolu 61 a) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, l-istrateġiji ta' żvilupp lokali bbażati fuq iż-żona tal-approċċ Leader huma intiżi għal *territorji rurali* subreġjonali identifikati sew.

Bħala referenza, id-daqs medju tal-gruppi ta' azzjoni lokali Leader+ huwa ta' madwar 56 000 abitant fuq territorju medju ta' 1.805 kilometri kwadri. Madankollu, dan jaħbi varjazzjonijiet kbar; in-numru medju ta' abitanti kien ta' iktar minn 70 000 f'pajjiżi bħall-Irlanda, ir-Renju Unit u l-Italja u taħt l-40 000 fi Spanja, fl-Awstrija, fil-Belġju u fil-Lussemburgu. Fl-Isvezja u fil-Finlandja, id-daqs medju huwa ta' iktar minn 4 000 $km^2$ u fil-Belġju, fil-Lussemburgu u fil-Pajjiżi l-Baxxi huwa ta' inqas minn 500 $km^2$.

Jidher ċar li d-daqs tat-territorju għandu jkun adattat għar-realtajiet ta' kull pajjiż (eż. id-densità tal-popolazzjoni). F'dan is-sens, kull Stat Membru jeħtieġ li jikkunsidra mill-inqas żewġ aspetti:

- Iktar ma jkun kbir it-territorju, iktar tkun kbira l-massa kritika. Huwa iktar probabbli li jkun hemm ekonomiji ta' skala fil-ġestjoni tal-programm u ż-żona tista' (imma mhux bilfors) tkun iktar konformi ma' żona tas-suq tax-xogħol funzjonali (u sostenibbli).

- Iktar ma jkun żgħir it-territorju, iktar ikun faċli li jkunu stabbiliti konnessjonijiet mal-persuni tal-lokal, titkabbar il-parteċipazzjoni lokali, u jinbnew kapaċità organizzattiva kif ukoll identità lokali. Għalhekk, peress li dawn huma l-għanijiet prinċipali tal-Assi Leader, iż-żoni ma għandhomx ikunu kbar wisq.

---

12 L-Artikolu 37(3) tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006.

Konsegwentement, il-kompitu prinċipali għall-Istati Membri huwa li jsibu bilanċ raġonevoli bejn iż-żewġ aspetti msemmija iktar 'il fuq, fil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 37(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni.

- **(2) Il-kriterji relatati mas-sħubija**

Il-grupp ta' azzjoni lokali jrid jikkonsisti fi grupp li jew ikkwalifika għall-inizjattiva Leader II jew Leader+ jew kiseb esperjenza billi segwa l-approċċ Leader, jew grupp ġdid li jirrappreżenta lil imsieħba mid-diversi setturi soċjoekonomiċi bbażati lokalment fit-territorju kkonċernat.[13]

Fuq il-livell tat-teħid tad-deċiżjonijiet, l-imsieħba ekonomiċi u soċjali, kif ukoll organizzazzjonijet oħrajn li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili bħall-bdiewa u l-organizzazzjonijiet rurali tan-nisa u taż-żgħażagħ, iridu jifformaw mill-inqas 50 % tas-sħubija lokali. Hawnhekk, l-għan huwa li jintlaħaq bilanċ bejn il-kompożizzjoni soċjoekonomika taż-żona u l-kompożizzjoni tas-sħubija.[14]

Trid issir distinzjoni bejn il-gruppi ta' azzjoni Leader u s-sħubijiet lokali bejn il-pubbliku u l-privat tal-Assi 3 taħt l-Artikolu 59(e) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, li kienu stabbiliti għall-istrateġiji lokali fejn kienet applikata miżura waħda biss jew iktar tal-Assi 3 u fejn il-perċentwal minimu tal-isħab privati mhuwiex iffissat fuq il-livell Komunitarju.

Il-grupp ta' azzjoni lokali jrid juri ħila li jiddefinixxi u jimplimenta strateġija ta' żvilupp għaż-żona, jipproponi strateġija ta' żvilupp lokali integrata u jkun responsabbli mill-implimentazzjoni tagħha[15].

L-Awtorità ta' Ġestjoni għandha tiżgura li l-gruppi ta' azzjoni lokali jew jagħżlu attur prinċipali amministrattiv u finanzjarju li jkun kapaċi jamministra l-fondi pubbliċi u jiżgura l-ħidma sodisfaċenti tas-sħubija, jew jingħaqdu flimkien fi struttura komuni legalment ikkostitwita, li l-kostituzzjoni tagħhha tiggarantixxi l-ħidma sodisfaċenti tas-sħubija.[16] Il-ħila li jiġu amministrati l-fondi pubbliċi trid tkun iggarantita. Uħud mill-gruppi lokali jista' jkollhom dan l-għarfien espert fl-organizzazzjonijiet tagħhom, filwaqt li f'każijiet oħrajn jista' jkun hemm il-ħtieġa li jintuża wieħed mill-membri tas-sħubija jew korp estern bil-ħila li jiġġestixxi l-fondi pubbliċi. Il-mudell tal-aħħar, għalkemm mifhum għal territorji ta' LAG ġodda mingħajr esperjenza tal-Leader, ma għandux jintuża b'mod sistematiku fl-eqdem LAG.

- **(3) Il-kriterji relatati mal-istrateġija ta' żvilupp lokali**

Strateġija ta' żvilupp lokali integrata trid tkun ibbażata fuq mill-inqas l-elementi li ġejjin (l-Artikolu 61(a) sa (d) u (g) tar-Regolament tal-Kunsill):

- strateġiji ta' żvilupp lokali bbażati fuq iż-żona maħsuba għal territorji rurali subreġjonali identifikati sew;
- sħubijiet lokali bejn il-pubbliku u l-privat;
- approċċ minn isfel għal fuq b'setgħa li jittieħdu deċiżjonijiet għall-gruppi ta' azzjoni lokali dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji ta' żvilupp lokali;

13 L-Artikolu 62(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.
14 L-Artikolu 62(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.
15 L-Artikolu 62(1)(a) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.
16 L-Artikolu 62(2) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

- tfassil u implimentazzjoni multisettorjali tal-istrateġija, ibbażati fuq l-interazzjoni bejn l-atturi u l-proġetti minn setturi differenti tal-ekonomija lokali;
- netwerking tas-sħubijiet lokali.

L-Istati Membri tal-UE 15 huma obbligati jagħmlu ħilithom sabiex jagħtu prijorità lill-għażla tal-gruppi ta' azzjoni lokali li jkunu integraw il-kooperazzjoni fl-iżvilupp lokali tagħhom. Tista' tingħata prijorità anki lil strateġiji innovattivi jew lil karatteristiċi oħrajn.
Il-fatt li l-entità legali tal-LAG tkun qed timplimenta fondi oħrajn tal-UE (eż. taġixxi bħala grupp taħt l-Assi 4 tal-Fond tas-Sajd Ewropew) ma għandux jiġi kkunsidrat bħala kriterju ta' esklużjoni. Jeħtieġ li jiġu żgurati separazzjoni ċara tal-istrumenti (sħubijiet distinti; kumitati għall-għażla tal-proġetti; kontabbiltà separata u delimitazzjoni bejn l-istrateġiji) u kondiviżjoni tal-ispejjeż operattivi komuni.

## Kapitolu V
## L-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' żvilupp lokali

Il-grupp ta' azzjoni lokali għandu r-responsabbiltà prattika li jimplimenta l-istrateġija ta' żvilupp lokali (l-Artikolu 62(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005). Iċ-"ċentru tal-gravità" fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għandu jkun lokali, jiġifieri fejn iridu jitwettqu l-operazzjonijiet prinċipali għall-implimentazzjoni tal-Assi Leader. Id-deċentralizzazzjoni tal-kompiti ta' ġestjoni ma taffettwax ir-responsabbiltà tal-Awtorità ta' Ġestjoni fir-rigward tal-effiċjenza u tal-korrettezza tal-ġestjoni (l-Artikolu 75(2) tar-Regolament 1698/2005).

*Il-mudelli ta' implimentazzjoni Leader*

L-esperjenza bl-inizjattivi Komunitarji Leader preċedenti wriet li hemm differenzi kbar bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-ambitu tal-kompiti ddelegati lil-LAG. Hemm tliet mudelli ta' implimentazzjoni Leader prinċipali li bħalissa qed jintużaw mill-Istati Membri taħt l-assi Leader

- il-LAG għandhom biss kompetenza biex jagħżlu l-proġetti
- il-LAG għandhom kompetenza biex jagħżlu l-proġetti u jħallsu lill-benefiċjarji
- il-LAG għandhom kompetenza kemm biex jagħżlu kif ukoll biex japprovaw il-proġetti

L-ewwel mudell (id-deċentralizzazzjoni tal-kompetenza tal-għażla tal-proġetti biss) jista' jiġi kkunsidrat bħala "mudell bażiku" li jikkorrispondi għar-rekwiżiti minimi fir-rigward tat-trasferiment tat-teħid tad-deċiżjonijiet għal-livell lokali. Ġew żviluppati mudelli oħrajn fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri.

Fl-ewwel żewġ mudelli, il-kontroll tal-eliġibbiltà qabel l-approvazzjoni tal-proġett jitwettaq mill-Aġenzija tal-Pagamenti jew mill-Awtorità ta' Ġestjoni jew minn xi korp pubbliku ieħor b'delega. Dan il-kontroll amministrattiv għandu jkun *biss* kontroll tal-legalità dwar l-eliġibbiltà tal-operazzjonijiet u mhux valutazzjoni tal-kwalità jew valutazzjoni tar-rilevanza tal-proġett għall-istrateġija lokali. Il-proġetti li diġà ngħażlu mil-LAG biss għandhom ikunu

suġġetti għal kontroll ta' din ix-xorta. Il-proġetti jew il-listi ta' proġetti li ġew miċħuda mil-LAG ma għandhomx ikunu suġġetti għal iktar kontrolli/kunsiderazzjoni minn dawn il-korpi.

L-Awtoritajiet ta' Ġestjoni għandhom joħorġu gwida ċara lill-Aġenziji tal-Pagamenti dwar ir-rwol li għandu jkollhom fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għal-Leader.

Fil-mudelli ta' implimentazzjoni kollha, għandha tinżamm separazzjoni xierqa tar-responsabbiltajiet sabiex tkun żgurata trasparenza fit-teħid tad-deċiżjonijiet u jkun evitat kwalunke kunflitt ta' interess potenzjali. B'mod ġenerali, dawk involuti fl-iżvilupp tal-proġetti ma għandhomx ikunu involuti fl-għażla jew fl-approvazzjoni tal-proġetti. Dawk involuti fl-għażla jew fl-approvazzjoni tal-proġetti lanqas ma għandhom ikunu involuti fil-kompiti ta' kontroll fir-rigward tat-talbiet għal ħlas.

*Il-kompiti amministrattivi bażiċi tal-LAG*

Il-funzjonijiet amministrattivi bażiċi tal-LAG li huma komuni għal dawn il-mudelli kollha ta' implimentazzjoni huma dawn li ġejjin (naturalment, iridu jiġu adattati għall-kuntest amministrattiv nazzjonali jew reġjonali):

1. It-tfassil u l-pubblikazzjoni tas-sejħiet, inkluża d-definizzjoni tal-kriterji ta' għażla lokali (sejħiet perjodiċi jew permanenti)
2. Ir-riċeviment tal-applikazzjonijiet
3. Il-valutazzjoni tal-proġetti
4. Jew il-pożizzjonament fi klassifika tal-proġett u l-preżentazzjoni tal-listi tal-proġetti magħżula lill-Awtorità ta' Ġestjoni, inkluż l-iffissar tal-ammont ta' appoġġ, jew il-preżentazzjoni tal-proġetti magħżula lill-Awtorità ta' Ġestjoni fuq bażi kontinwa
5. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-istrateġija (inkluż il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proġetti magħżula)
6. L-evalwazzjoni tal-istrateġija

Ir-rwol tal-Awtorità ta' Ġestjoni għandu jiffoka fuq il-kompiti li għandhom l-għan li jiffaċilitaw ħidmet il-LAG fuq il-livell lokali, billi tipprovdi l-qafas implimentattiv meħtieġ għal-LAG u sistema ta' superviżjoni sabiex tkun immonitorjata l-implimentazzjoni fuq il-livell lokali. Bl-istess mod, l-Aġenzija tal-Pagamenti għandha tiffoka fuq il-kompiti ta' kontroll sabiex ikun żgurat li r-regoli tal-eliġibbiltà jiġu rispettati.

*Il-proċedura tal-għażla tal-proġetti*

Il-LAG iwettqu l-valutazzjoni kwalitattiva tal-proġetti, inkluża l-konformità mal-istrateġija ta' żvilupp lokali, fuq il-bażi tal-kriterji ta' għażla tal-proġetti lokali. Il-valutazzjoni tal-proġetti għandha tkun motivata u ddokumentata sabiex jintwerew is-solidità u l-ġustizzja tad-deċiżjoni f'termini ta' kriterji ta' għażla konsistenti u rilevanti. Id-deċiżjonijiet dwar l-għażla tal-proġetti ġeneralment jiġu fdati f'idejn korp elett (kumitat, bord, eċċ.) li jinsilet mis-sħubija.

Għandu jkun hemm stabbiliti proċeduri sabiex tkun żgurata t-trasparenza tad-deċiżjonijiet kollha bil-viżibbiltà xierqa (eż. minuti ppubblikati tal-laqgħat għall-għażla tal-proġetti fuq il-

websajts tal-LAG) u sabiex ikunu evitati kunflitti ta' interess. Kwalunkwe membru tal-kumitat ta' għażla tal-proġetti b'interess fi proġett għandu jiddikjara tali interess u ma għandux jieħu sehem fil-votazzjoni.
Id-dikjarazzjoni għandha tiddeskrivi n-natura tar-rabta bejn il-membru tal-kumitat ta' għażla u l-applikant. Din l-informazzjoni għandha tiġi ddokumentata wkoll fil-minuti. Pereżempju, ikun hemm kunflitt ta' interess fejn l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-membru tal-kumitat ta' għażla tal-proġetti jkun kompromess minħabba raġunijiet li jinvolvu interess familjari jew ekonomiku (eż. il-membru tal-kumitat ta' għażla jkun l-applikant).

Il-LAG għandhom japplikaw ukoll regoli interni sabiex jiżguraw irwieħhom li s-sħubijiet ma jkunux iddominati mill-awtoritajiet lokali fil-laqgħat għall-għażla tal-proġetti, pereżempju billi jeżiġu li l-membri tas-settur "privat" għandhom jirrappreżentaw mill-inqas 50 % tal-voti f'kull laqgħa fejn jittieħdu deċiżjonijiet (l-Artikolu 62.1.b).

*Il-proċedura tal-appell*

Għandha tkun stabbilita proċedura ta' appell sabiex l-appell ta' applikant jkun jista' jitressaq quddiem il-korp responsabbli mill-approvazzjoni tal-proġett (l-Awtorità ta' Ġestjoni jew il-LAG, jiddependi mill-mudelli ta' implimentazzjoni) f'perjodu ta' żmien partikolari mid-data tad-deċiżjoni negattiva.

*Il-funzjoni tal-ħlas*

Hemm żewġ mudelli prinċipali sabiex tkun iċċertifikata n-nefqa u jitħallas il-benefiċjarju finali:

(1) Mudell deċentralizzat, fejn il-grupp ikun direttament responsabbli miċ-ċertifikazzjoni inizjali li l-proġetti tlestew u li l-ħlas sar (sistema ta' għotja globali). L-għotja globali jew tinżamm mil-LAG innifsu jew tiġi ġestita minn aġenzija msieħba, li jew kienet inkorporata fil-LAG jew qed taġixxi b'mod indipendenti mill-grupp lokali.

L-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 jelenka l-kompiti li għandhom jitwettqu mill-Aġenzija tal-Pagamenti u jkompli jiddikjara: "Bl-eċċezzjoni tal-ħlas tal-għajnuna Komunitarja, l-eżekuzzjoni ta' dawn il-kompiti tista' tiġi ddelegata" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. L-Artikolu 6(1) jirreferi biss għall-"ħlas tal-għajnuna Komunitarja". Fil-qasam tal-iżvilupp rurali, fejn normalment jitħallas sussidju pubbliku wieħed kofinanzjat mill-Komunità u mill-Istat Membru lill-benefiċjarju finali, dak il-ħlas lill-benefiċjarju finali mhuwiex kopert mill-Artikolu 6(1) u għalhekk jista' jiġi eżegwit mill-grupp ta' azzjoni lokali. Ir-rimborż tal-parti Komunitarja tas-sussidju lil awtorità oħra jew lil korp ieħor biss irid jibqa' mal-Aġenzija tal-Pagamenti.

F'każijiet fejn Stat Membru jagħmel użu minn din il-possibbiltà, l-Aġenzija tal-Pagamenti tibqa' għalkollox responsabbli mil-legalità u mir-regolarità tat-tranżazzjoni sottostanti kollha, inkluża l-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Komunità, kif ukoll mid-dikjarazzjoni tan-nefqa korrispondenti lill-Kummissjoni u mill-preparazzjoni tal-kontabbiltà skont dan. Pereżempju, il-LAG jistgħu jużaw lista ta' kontroll tal-eliġibbiltà ppreparata mill-Aġenzija tal-Pagamenti li tikkorrispondi għal-leġiżlazzjoni finanzjarja rilevanti. Din il-lista ta' kontroll trid timtela mil-LAG. Il-fajl kollu jrid jinżamm għal skopijiet ta' kontroll għat-tul ta' żmien stipulat fil-leġiżlazzjoni rilevanti.

Sistema ta' għotjiet ta' konsenja tkun għalkollox operattiva biss jekk il-fondi pubbliċi kollha jkunu kkonċentrati f'pakkett wieħed (ara iktar 'l isfel: parti mill-grad ta' konċentrazzjoni tal-finanzjament). Jekk il-finanzjament Ewropew biss ikun deċentralizzat, filwaqt li l-LAG irid jagħmel offerta għall-kofinanzjament nazzjonali għal kull proġett, il-gwadann fil-flessibbiltà jitneħħa kompletament. Għotja globali teżiġi ġestjoni kkoordinata b'mod xieraq tal-flussi finanzjarji.

(2) Mudell iktar ċentralizzat huwa fejn il-ħlas isir mill-Aġenzija tal-Pagamenti. Il-benefiċjarju aħħari jippreżenta t-talba għal ħlas tiegħu permezz tal-LAG lill-Aġenzija tal-Pagamenti (il-LAG jinforma lill-Aġenzija tal-Pagamenti li l-ħlas jista' jsir) jew direttament lill-Aġenzija tal-Pagamenti b'kopja lil-LAG. Il-ħlas jiġi eżegwit mill-Aġenzija tal-Pagamenti direttament lill-benefiċjarju aħħari b'kopja lil-LAG. Il-LAG iridu jiġu informati għal skopijiet ta' monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-istrateġija tagħhom.

Iż-żewġ sistemi ntużaw għal-LAG Leader+. Hemm vantaġġi u żvantaġġi biż-żewġ metodi. Madankollu, ħafna jiddependi mill-prattika u mir-rutina amministrattivi. Pereżempju, uħud mill-awtoritajiet jistgħu jagħmlu ħlasijiet direttament lill-benefiċjarju ferm malajr wara li jirċievu d-dokumentazzjoni mill-grupp mingħajr ma jinterferixxu fid-deċiżjoni. Madankollu, f'każijiet oħrajn, dan jista' jinvolvi proċess li jieħu x-xogħol ta' kontrolli doppji, li jdewwem ferm il-proċeduri u jnaqqas il-ħila tal-grupp li jieħu deċiżjonijiet u jkollu riżultati.

Qed jiġi ssuġġerit li fid-deskrizzjoni taċ-ċirkwiti finanzjarji għandhom jiġu introdotti skadenzi massimi għall-ħlasijiet lill-benefiċjarji jew għar-rimborżi lil-LAG, jekk dan ikun applikabbli, sabiex il-LAG ikollhom ċertu sigurtà fl-ippjanar u limitu għall-infiq.

*Il-kontrolli*

L-Artikolu 28f .2 (ex Artikolu 33.1) tar-Regolament tal-Kunsill KE Nru 1975/2006 (li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, dwar l-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' kontroll kif ukoll il-konformità reċiproka rigward il-miżuri ta' sostenn għall-iżvilupp rurali) jippermetti li l-Istati Membri jiddelegaw il-kompiti ta' kontroll lil-LAG b'att formali fil-każ ta' nefqa relatata mal-Artikolu 63a) (Il-miżura "implimentazzjoni tal-istrateġija ta' żvilupp lokali" [traduzzjoni mhux uffiċjali]) u mal-Artikolu 63 b) (Il-miżura "Kooperazzjoni"). Il-kontrolli amministrattivi dwar l-applikazzjoni u t-talbiet għal ħlas, inklużi ż-żjarat *in situ* relatati mal-investimenti, jistgħu jitwettqu mil-LAG. Madankollu, l-awtorità kompetenti għandha tibqa' responsabbli mill-verifika li dawk il-LAG ikollhom il-kapaċità amministrattiva u ta' kontroll sabiex iwettqu dik il-ħidma u għandha tagħmel kontrolli regolari tal-operazzjonijiet tal-LAG, inklużi kontrolli tal-kontabbiltà u ripetizzjoni tal-kontrolli amministrattiva fuq bażi ta' kampjuni.

F'każ li l-LAG ma rċeviex delega ta' din ix-xorta huwa rakkomandat li l-LAG jiġu informati bir-riżultati tal-kontrolli jew li tiġi permessa l-parteċipazzjoni tal-persunal tal-LAG fiż-żjarat *in situ* u fil-kontrolli fuq il-post. Dan huwa mod biex il-LAG jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' żvilupp lokali u biex itejbu l-ħiliet fir-regoli tal-eliġibbiltà u fil-ġestjoni finanzjarja.

It-twettiq ta' kontrolli fuq il-post jibqa' taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti. Il-kampjun li għandu jiġi kkontrollat għandu jirrappreżenta l-piż relattiv tan-nefqa tal-Leader.

*It-tqabbil tal-finanzjament*

Ġie nnotat mill-gruppi speċifiċi Leader tal-ENRD li f'uħud mill-Istati Membri l-proċess biex jinkiseb il-kofinanzjament pubbliku huwa problematiku. Is-soluzzjonijiet prattiċi għal diffikultajiet kurrenti jistgħu jinkludu dan li ġej:

- Jiġu stabbiliti fondi nazzjonali/reġjonali u/jew lokali sabiex ikun żgurat li l-benefiċjarji jiksbu kofinanzjament pubbliku fl-istess ħin tal-appoġġ mill-FAEŻR
- Tintuża formola ta' applikazzjoni konġunta għal konfinanzjament tal-UE u nazzjonali.

Fil-każ ta' kofinanzjament pubbliku nazzjonali miksub separatament mill-benefiċjarju, il-LAG jista' jkollu rwol utli fil-kisba jew fl-għotja tal-kofinanzjament pubbliku nazzjonali jew parti minnu.

*Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni fuq il-livell tal-RDP*

Hemm indikaturi tal-eżiti speċifiċi għal-Leader (it-Tabella O.41 (1) sat-Tabella 0.431). Għat-Tabella O.41 (2) li tindika n-numru ta' proġetti u l-benefiċjarji, id-dejta għandha tinqasam fil-miżuri differenti tal-assi 1, 2 jew 3. Għal dawn il-proġetti, li ma jistgħux ikunu marbuta ma' miżura speċifika, dawn għandhom jingħaddu taħt il-kategorija "oħrajn" tal-assi differenti skont l-għanijiet rispetti li jikkontribwixxu għalihom. Id-dejta dwar il-benefiċjarji għandha terġa' tinqasam f'individwi, fis-settur privat u pubbliku, u fil-LAG, u għall-individwi fis-sess/l-età.

Ma hemm l-ebda indikaturi tar-riżultati u tal-impatti speċifiċi għal-Leader, peress li l-metodu huwa għodda sabiex jintlaħaqu l-għanijiet tal-assi l-oħra.

Hemm tmien mistoqsijiet speċifiċi ta' evalwazzjoni tal-Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni (CMEF) għal-Leader:

*Miżura 41:* Tliet mistoqsijiet huma relatati biss mal-valutazzjoni kwalitattiva tal-effett tal-approċċ Leader, jiġifieri huma jiffokaw fuq il-karatteristiċi speċifiċi tal-approċċ Leader (it-titjib fil-governanza, il-mobilizzazzjoni tal-potenzjal għal żvilupp endoġenu, l-approċċi multisettorjali u l-kooperazzjoni). Mistoqsija waħda hija relatata ma' kemm l-approċċ Leader ikkontribwixxa għall-prijoritajiet tal-Assi 1, 2 u 3.

*Miżura 421:* - L-appoġġ kemm ikkontribwixxa biex tiġi promossa l-kooperazzjoni u biex jiġi inkoraġġit it-trasferiment tal-aqwa prattiki? – Il-proġetti ta' kooperazzjoni u/jew it-trasferiment tal-aqwa prattiki bbażati fuq l-approċċ Leader kemm ikkontribwew sabiex jintlaħqu aħjar l-għanijiet ta' wieħed jew iktar mit-tliet assi?

*Miżura 431:* L-appoġġ kemm żied il-kapaċitajiet tal-Gruppi ta' Azzjoni Lokali u tal-imsieħba l-oħra involuti sabiex jiġu implimentati l-istrateġiji ta' żvilupp lokali? L-appoġġ kemm ikkontribwixxa sabiex tiżdied il-kapaċità għall-implimentazzjoni tal-Leader?

*Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni fuq il-livell tal-istrateġija lokali (LAG)*

Għandu jkun hemm stabbilita sistema għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-istrateġija ta' żvilupp lokali fuq il-livell tal-LAG qabel ma tibda l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta'

żvilupp lokali. L-ispejjeż relatati ma' dawn il-kompiti għandhom ikunu eliġibbli taħt is-sottomiżura "tmexxija tal-grupp ta' azzjoni lokali" [traduzzjoni mhux uffiċjali] taħt il-miżura 431.

*Il-monitoraġġ*

Huwa probabbli li l-proċeduri għall-monitoraġġ u għar-rapportaġġ formali dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija, u l-kontrolli tal-konformità assoċjati, jew jiġu stabbiliti mill-awtorità ta' ġestjoni jew jiġu deskritti fil-qosor fil-gwida għall-programm. Il-LAG għandhom jindikaw kif biħsiebhom jikkonformaw irwieħhom ma' dawn ir-rekwiżiti.

L-għanijiet tal-istrateġija ta' żvilupp lokali għandhom jiddefinixxu eżattament l-eżiti lokali li għandhom jintlaħqu, biex b'hekk ikunu pprovduti qafas u gwida ċari għall-ġestjoni ta' kuljum tal-programmi u bażi għall-ġestjoni u għar-responsabbiltà tal-prestazzjoni ħalli jsiru rapporti f'intervalli regolari u f'rapport annwali. Ma hemm l-ebda sistema separata għall-monitoraġġ tal-LAG. Il-LAG għandhom jintalbu jirrapportaw lill-Awtorità ta' Ġestjoni dwar l-eżiti u r-riżultati tal-proġetti li jappoġġjaw f'forma li tkun simili għal dik li għandha tintuża għar-rapportaġġ dwar l-assi l-oħra. Ir-rapporti dwar il-monitoraġġ annwali tal-LAG għandhom jikkontribwixxu għall-monitoraġġ annwali tal-RDP. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proġetti (il-kejl tal-avvanz finanzjarju u fiżiku tal-proġetti) huwa pass meħtieġ sabiex ikun żgurat il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' żvilupp lokali. Għalhekk, huwa importanti li l-LAG għandu jkollhom perċezzjoni ċara tal-miri għall-RDP kollu u li jkunu mħarrġa fil-monitoraġġ tal-indikaturi sabiex fl-istrateġija tagħhom ikunu jistgħu jinkludu xi dettalji dwar kif se jagħtu kontribut għal dawk il-miri.

*L-evalwazzjoni*

L-awtoevalwazzjoni ta' LAG għandha tiffoka fuq mistoqsijiet magħżula relatati mal-għanijiet tal-istrateġija ta' żvilupp lokali tiegħu, imma anki fuq mistoqsijiet komuni ta' evalwazzjoni, eż. relatati mal-metodu Leader u mal-valur miżjud. Il-punti fokali tal-awtoevalwazzjoni tal-LAG jinkludu:

- il-proċessi ta' ħidma interni tal-LAG

- is-sodisfazzjon tal-benefiċjarji u r-rispons dwar is-servizzi tal-LAG, u

- il-valutazzjoni tal-impatt tal-LAG min-naħa tal-partijiet interessati.

Il-linji gwida għall-koordinazzjoni tal-awtoevalwazzjoni għandhom ikunu stabbiliti mill-awtorità ta' ġestjoni.

Il-LAG għandhom jingħataw taħriġ fl-awtoevalwazzjoni minn speċjalisti fl-evalwazzjoni.

L-għodod li ntużaw mil-LAG taħt l-Inizjattiva Komunitarja Leader+ jinkludu, fost l-oħrajn, l-użu ta' gruppi ta' ħidma, konsultazzjonijiet mal-komunità ġenerali u mal-partijiet interessati, laqgħat tal-LAG u l-appoġġ ta' konsulenti.

L-Awtoritajiet ta' Ġestjoni għandhom jikkunsidraw il-possibbiltà li l-LAG jirrivedu u jimmodifikaw b'mod regolari l-istrateġija ta' żvilupp lokali sabiex jiksbu benefiċċju mill-monitoraġġ u mill-evalwazzjoni.